MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Numru. 61/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Lanzon ta’ 22 sena, bin John u Maria nee’ Galea, imwieled Rabat (Ghawdex), nhar is-27 ta’ Gunju, 1987, residenti fil-fond numru ‘Jumbala’ Flat 2, Triq Sant’ Indrija, Munxar u detentur tal-karta l-identita’ numru 25787(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Joseph Lanzon li gie akkuzat talli nhar it-03 ta’ Gunju 2009, u xhur ta’ qabel gewwa dawn il-Gzejjer, go Aussie Flat 1, Triq Malta, Ghajnsielem;

a) Biegh, trasferixxa, jew ikkunsunna taht titolu li jkun arma regolari cioe' Air Pistol ta' l-ghamla SKIF Single Barrel Hammerless CO2 Open, bin-numru C216569 lil Edward Xerri li ma kellhiex licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghal din l-imsemmija arma;
b) U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-persuna illi f'ismu ghandu registrat mal-Kummissarju tal-Pulizija l-imsemmija Air Pistol naqas li jzomm fil-kustodja tieghu din l-arma b'tali mod li ma tigix f'idejn persuna ohra;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara illi l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputat sabiex jikkunsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 48, 51 (8) u 56 tal-Kapitolu 480 u l-Artikoli 17 (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250) li jithallsu f'rati mensili ta' hamsin ewro (€50) f'hames pagamenti bl-ewwel pagament dovut sal-31 ta' Dicembru, 2009.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------